MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Numru 100/2001

**Il-Pulizija**
(Spettur Geoffrey Azzopardi)
**vs**
**Philip Abela Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Philip Abela Gauci ta’ 34 sena, iben missier mhux maghruf u Theresa Abela, imwieled Pieta’ nhar l- 24 ta’ Gunju 1966 u li kien residenti gewwa il- fond Galea Flats, Flat 5, Thomas Dingli Str., B’ Kara. Karta tal- Identita: 303466M.
Talli f’ dawn il- Gzejjer, f’ dawn l- ahhar xhur ta’ qabel it- 2 ta’ Frar 2001, b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizjoni tal- ligi u li gew maghmula f’ rizoluzzjoni wahda;

Talli f’ dawn il- Gzejjer, f’ dawn l- ahhar xhur ta’ qabel it- 2 ta’ Frar 2001, b’ mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex gieghel titwemmen l- ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qliegh fl- ammont komplessiv ta’ aktar minn elf lira (Lm 1000) ghad- dannu tas- sidien respettivi ta’ diversi stabilimenti / kumpaniji u cioe’ Handy Man Center ta’ B’ Kara, Moyga ta’ B’ Kara, Tekno Shop tal- Mosta, Audio Video Center tal- Hamrun, Goldfinch Pet & Garden Center tal- Hamrun, Etienne’s Jewellery ta’ Belt Valletta, Argus ta’ Hamrun, Netware tal- Mosta, Priceclub Supermarket ta’ Burmarrad, Doneo Co. Ltd. ta’ Tas- Sliema, Pace & Mercieca Ltd. tal- Marsa, Homemate ta’ l- Imriehel, Vodafone Center ta’ B’ Kara u View Sonic tal- Hamrun.

Talli fl- istess zminijiet u cirkostanzi, bi hsara tas- sidien imsemmija fil- paragrafu precedenti, ghamel xi qliegh iehor b’ qerq, liema ammont komplessivament jammonta ghall- aktar minn elf lira (Lm 1000);

Talli sar ricediv b’ diversi sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati liema sentenzi saru definittivi.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il- Qorti.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Rat li- fis- seduta ta’ llum l- akkuzat irregistra ammissjoni u tenna wara li l- Qorti femithu xi tfisser ammissjoni u l- konsegwenzi taghha.

Issibu hati.

Rat l- artikoli 308, 310 (1)(a), 49, 50 u 21 tal- Kapitlu 9 u issibu hati tar- reati taht l- immsemmija artikoli 308, 301 (1) (a), 49 u 50 u mhux tar- reati l- ohra.

Tikkundanah ghall- multa ta’ mija u tmenin lira Maltija (Lm 180) li tithallas bir- rata ta’ tletin lira fix- xahar ghall- sitt xhur, l- ewwel hlas issir matul Awissu 2004. Il- Qorti qed taghti piena inqas billi l- akkuzat qed jaghmel kors ta’ kura u dalwaqt jibda jahdem bit- tama li jaqbad it- triq it- tajba u jkun cittadin onest.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------